



Il-Kummissjoni
Ewropea

Il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki:

nappoġġaw it-tagħlim, ix-xogħol
u l-mobbiltà transfruntiera

L-Għaxar Anniversarju



Ewropa Soċjali

Manuskritt li tlesta fi Frar 2018,

l-ewwel edizzjoni

La l-Kummissjoni Ewropea u l-ebda persuna li taġixxi f'isem il-Kummissjoni mhija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-infomazzjoni li gejjja.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019

© Unjoni Ewropea, 2019

Immaġnijiet stokk: © Shutterstock.com

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat sakemm is-sors jiġi rikonoxxut.

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-UE, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Print ISBN 978-92-76-02772-0 doi:10.2767/502988 KE-01-18-211-MT-C

PDF ISBN 978-92-76-02756-0 doi:10.2767/375663 KE-01-18-211-MT-N

Il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki:

nappoġġjaw it-tagħlim, ix-xogħol
u l-mobbiltà transfruntiera

Werrej

Kelmejn qabel	4
Daħla	5
Il-QEK: x'inhu u kif jaħdem?	6
Deskritturi li jiddefinixxu l-livelli fil-QEK	17
Kif jista' jintuża l-QEK u min jibbenefika mill-QEK?	20
X'impatt kellu l-QEK s'issa?	25
Ħarsa lejn il-ġejjieni	28
Akronimi	30

Kelmtejn qabel



«Fid-dinja moderna tagħna, in-nies iridu opportunitajiet biex jibnu l-ħiliet tagħhom u jużawhom hekk kif jibdlu impjieg, tip ta' xogħol, u taħriġ ulterjuri. Il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki huwa pedament tal-kooperazzjoni tagħna biex nagħmlu l-ħiliet u l-kwalifiki tan-nies mifhuma u rikonoxxuti aktar faċilment meta jiċċaqalqu f'pajjiżhom jew barra minn pajjiżhom biex jaħdmu jew jistudjaw. Bis-saħħa tal-QEK, l-impjegaturi jistgħu jqabblu aktar faċilment il-kwalifiki barranin ma' dawk nazzjonali u jifhmu aħjar il-profili tal-ħiliet tal-kandidati. Il-QEK jgħin lill-persuni jużaw it-talent tagħhom, filwaqt li jħejji t-triq għal tagħlim ulterjuri u jappoġġja tlaqqigħ aħjar tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol.»

Marianne Thyssen

Kummissarju Ewropew għall-Impjieg, l-Affarijiet Soċjali, il-ħiliet u l-Mobbiltà tal-Ħaddiema

Daħla

Fid-dinja moderna tagħna, in-nies jeħtieġu sett ta' ħiliet ta' livell ogħla u usa' biex jaħdmu, jikkunikaw, jaċċessaw informazzjoni, prodotti u servizzi, u jieħdu sehem f'attivitajiet soċjali u ċiviċi.

Fehim u valutazzjoni xierqa tal-ħiliet u l-kwalifiki huma fundamentali sabiex jinkiseb tlaqqigħ aħjar bejn il-provvista tal-ħiliet u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Qafas Ewropew kondiviż jista' jappoġġja l-fehim u l-valutazzjoni tal-ħiliet u l-kwalifiki. Dan jista' jgħin ukoll lill-individwi biex jakkwistaw u jaġġornaw il-ħiliet matul ħajjithom hekk kif jiċċaqlqu bejn tipi u livelli differenti ta' edukazzjoni, u bejn l-edukazzjoni u l-impjeg, fi ħdan u bejn il-pajjiżi.

Il-kwalifiki jesprimu x'jafu, x'jifhmu u x'inhuma kapaċi jagħmlu n-nies. Dawn jistgħu jieħdu forom differenti bħal diploma (universitarja) jew ċertifikat (ta' ħiliet fis-snajja'). It-trasparenza fir-rigward ta' dak li n-nies effettivament tgħallmu sabiex jiksbu kwalifika ("eżiti tat-tagħlim") hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-individwi, l-impjegaturi u l-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ jagħtu l-valur ekonomiku, soċjali u akkademiku xieraq lill-kwalifiki.

Il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (QEK) għandu l-għan li jtejjeb it-trasparenza, il-komparabbiltà u l-portabbiltà tal-kwalifiki tan-nies. Il-QEK twaqqaf fl-2008 bħala qafas komuni ta' referenza tal-kwalifiki, espress bħala eżiti tat-tagħlim f'livelli li jżiedu ta' profiċjenza. Il-qafas iservi bħala mezz ta' traduzzjoni bejn is-sistemi ta' kwalifiki differenti u l-livelli tagħhom. Huwa maħsub biex ikun ta' benefiċċju għall-istudenti, il-ħaddiema, il-persuni li qed ifittxu impjeg, l-impjegaturi, it-trejdjunjins, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-korpi ta' rikonoxximent tal-kwalifiki, l-awtoritajiet governattivi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali.

Ir-Rakkomandazzjoni dwar il-QEK ġiet riveduta fl-2017¹ sabiex tiġi adattata għar-realtà tal-lum u tkun lesta għall-isfidi tal-ġejjieni. Ir-reviżjoni tagħha żammet l-oġġettivi ewlenin maqbula għaxar snin ilu biex tinħoloq trasparenza u fiduċja reċiproka fix-xenarju tal-kwalifiki fl-Ewropa. Ir-reviżjoni kienet waħda mill-10 azzjonijiet ewlenin tal-Aġenda Ġdida għall-ħiliet għall-Ewropa, li għandha l-għan li ttejjeb il-kwalità u r-rilevanza tat-taħriġ, tagħmel il-ħiliet aktar viżibbli, u ttejjeb l-informazzjoni dwar il-ħiliet². Kif jissuġġerixxi l-isem stess, il-QEK huwa wkoll wieħed mill-oqfsa li jgħinu biex jitwettqu l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali³. L-ewwel wieħed mill-20 prinċipju tal-Pilastru huwa li kulħadd għandu d-dritt għall-edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi sabiex iżomm u jakkwista ħiliet li jippermettulu jipparteċipa b'mod sħiħ fis-soċjetà u jimmaniġġja b'suċċess tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol.

1 2018-80078-0-1, bi skadenza għas-6.12.2018

2 2018-80078-0-1, bi skadenza għas-6.12.2018

3 2018-80078-0-1, bi skadenza għas-6.12.2018



IL-QEK: x'inhum u kif jaħdem?

X'inhi kwalifika?

Il-QEK jiddefinixxi kwalifika b'halha *"l-eżitu formali ta' proċess ta' valutazzjoni u validazzjoni miksub meta korp kompetenti jiddetermina li individwu jkun kiseb l-eżiti tat-tagħlim sal-livelli stipulati"*.

Għaliex il-kwalifiki huma importanti?

Il-kwalifiki jservu bosta skopijiet. Huma jindikaw lill-impjegaturi x'inhuma mistennija li jkunu jafu, jagħmlu u jifhmu ("eżiti tat-tagħlim") id-detenturi tagħhom. Huma jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġu aċċessati ċerti professjonijiet. Huma jgħinu lill-awtoritajiet u l-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ jiddeterminaw il-livell u l-kontenut ta' tagħlim miksub minn individwu. Huma importanti wkoll għal individwu b'halha espressjoni ta' realizzazzjoni personali. Il-kwalifiki għandhom rwol importanti biex iżidu l-impjegabbiltà, inaqqsu l-mobbiltà u jtejbju l-aċċess għal edukazzjoni ulterjuri.

Il-kwalifiki ġeneralment jieħdu l-forma ta' ċertifikati u diplomi mogħtija wara edukazzjoni, taħriġ, tagħlim u (xi drabi) xogħol. Il-kontenut u l-livell ta' kwalifiki li huma parti minn qafas assigurat għall-kwalità huma sorsi affidabbli ta' informazzjoni. Huma jaġixxu b'halha forma ta' munita li l-individwi jistgħu jużaw għall-impjegji jew skopijiet ta' tagħlim ulterjuri.

Nagħmlu l-kwalifiki aktar trasparenti u komparabbli bejn il-pajjiżi

Is-sistemi Ewropej tal-edukazzjoni u t-taħriġ huma diversi u jirriflettu t-tradizzjonijiet nazzjonali. Id-differenzi bejniethom jagħmluha diffiċli biex jiġi vvalutat x'taf, x'tifhem u x'inhija kapaċi tagħmel persuna b'kwalifika minn pajjiż ieħor f'kuntesti tat-tagħlim jew tax-xogħol. Għalhekk, il-valur ta' kwalifika mogħtija f'pajjiż partikolari mhuwiex neċessarjament mifhum f'pajjiżi oħrajn, u dan jista' jfikkil il-"fiduċja" fil-kwalità u l-kontenut ta' tali kwalifiki. L-istess japplika għall-kwalifiki mogħtija barra mis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali, u minn korpi u organizzazzjonijiet internazzjonali. Dan in-nuqqas ta' fiduċja jista' jħalli impatt fuq l-iżvilupp professjonali, l-aċċess għal opportunitajiet ta' impjeg u l-aċċess għal tagħlim ulterjuri, u b'hekk joħloq ostakoli għall-mobbiltà fl-UE, fi ħdan il-fruntieri u lil hinn minnhom.

Il-QEK huwa qafas komuni ta' referenza li jippermetti li jitqabblu faċilment kwalifiki minn pajjiżi differenti. Dan jintlaħaq billi jiġi appoġġjat l-użu tal-eżiti tat-tagħlim għal kull kwalifika, sabiex ikunu aktar trasparenti u aktar faċli biex jinftiehem. B'dan il-mod, il-QEK jappoġġja l-mobbiltà transfruntiera tal-istudenti u l-ħaddiema u jippromwovi t-tagħlim tul il-ħajja u l-iżvilupp professjonali fl-Ewropa kollha.

X'inhu qafas tal-kwalifiki?

Qafas tal-kwalifiki jikklassifika l-kwalifiki skont sett ta' kriterji għal livelli speċifikati ta' tagħlim mill'huqa. Dan għandu l-għan li jintegra u jikkoordina l-kwalifiki, kif ukoll li jtejjeb it-trasparenza, l-aċċessibbiltà u l-kwalità tal-kwalifiki b'rabta mas-suq tax-xogħol, is-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ u s-soċjetà ċivili.

Il-qafas tal-kwalifiki jappoġġja t-tagħlim tul il-ħajja (jigjifieri l-attività ta' tagħlim kollu li ssir matul il-ħajja), bil-għan li jtejjeb l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi f'perspettiva personali, ċivika, soċjali u/jew relatata mal-impjegi. Din id-definizzjoni tkopri l-firxa sfiha ta' tagħlim formali, mhux formali u informali.

QEK: eżiti tat-tagħlim bħala prinċipju ewlieni

Il-kwalifiki, tradizzjonalment ipprovdew informazzjoni dwar it-tul ta' żmien tat-tagħlim u l-istituzzjoni jew il-post fejn isir it-tagħlim. L-informazzjoni dwar x'inhuwa mistenni mid-detentur tal-kwalifika, f'termini ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi, kienet inqas komuni u trasparenti.

Il-QEK u l-Oqfsa Nazzjonali tal-Kwalifiki (QNK) kollha li għandhom referenza għalih, isegwu approċċ ibbażat fuq l-eżiti tat-tagħlim. Dan ifisser li kemm il-kontenut kif ukoll il-livell ta' kwalifika jirriflettu x'dak li suppost ikunu jafu, jifhmu u kapaċi jagħmlu (eżiti tat-tagħlim) id-detenturi.

Il-bidla għall-eżiti tat-tagħlim iżżid it-trasparenza ta' kwalifika u ssaħħaħ il-komparabbiltà tagħha bejn il-pajjiżi u fi ħdanhom (eż. bejn it-tipi differenti ta' kwalifiki fl-istess livell, jew livelli differenti ta' kwalifiki tal-istess tip). Permezz tal-fokus tiegħu fuq l-eżiti tat-tagħlim, il-QEK jgħin liċ-ċittadini biex isibu triqthom f'xenarju ta' kwalifiki dejjem aktar divers u kumpless.

Approċċ ibbażat fuq l-eżiti tat-tagħlim jappoġġja ulterjorment taqbila aħjar bejn il-ħtiġijiet tal-ħiliet tas-suq tax-xogħol u l-għoti ta' taħriġ u edukazzjoni, filwaqt li jiffaċilita wkoll il-validazzjoni tat-tagħlim miksub f'ambjenti differenti. Billi jiffokaw fuq dak li jaf, jista' jagħmel u jista' jifhem student, l-eżiti tat-tagħlim jgħinu biex jiftħu l-kwalifiki għal varjetà usa' ta' mogħdijiet ta' tagħlim u esperjenzi.

Il-qafas komuni ta' referenza tad-deskritturi tal-livell huwa l-qalba tal-QEK

Il-QEK huwa definit minn tmien livelli bbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim. Id-deskritturi tal-livell li jakkompanjawhom juru kif l-aspettattivi ta' għarfien, ħiliet, awtonomija u responsabbiltà jżiedu hekk kif l-istudenti javvanzaw minn livell 1 sa livell 8. Dawn il-livelli, flimkien mad-deskritturi, jiffunzjonaw bħala grilja tat-traduzzjoni u jagħmluha possibbli li jitqabblu l-kwalifiki minn pajjiżi u istituzzjonijiet differenti.

Deskritturi tal-eżiti tat-tagħlim

Id-deskritturi tal-eżiti tat-tagħlim tal-QEK (ara paġna 17) jirriflettu żewġ dimensjonijiet: il-livelli u l-oqsma tat-tagħlim.

Id-dimensjoni tal-*"livelli"* tirrifletti kif il-kumplessità tal-eżiti tat-tagħlim tiżdied tul il-livelli tal-kwalifiki. Pereżempju, il-livell ta' awtonomija mistenni mid-detentur ta' kwalifika ta' livell 2 huwa ħafna inqas minn l-aspettattivi ta' detentur ta' kwalifika ta' livell 7.

Id-dimensjoni *"oqsma ta' tagħlim"* tiddistingwi bejn *"għarfien"*, *"ħiliet"* u *"awtonomija u responsabbiltà"*, filwaqt li tippermetti l-klassifikazzjoni ta' tipi differenti ta' kwalifiki fl-istess livell. Pereżempju, kwalifiki bl-istess livell ta' eżiti tat-tagħlim globali jistgħu jkunu ta' orjentazzjoni aktar akkademika, vokazzjonali jew professjonali.

Il-QEK huwa maħsub biex ikopri t-tipi u l-livelli kollha ta' kwalifiki inklużi dawk minn edukazzjoni għolja, Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali (ETV) u edukazzjoni ġenerali, kif ukoll kwalifiki mogħtija mis-settur privat jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

Limiti tal-QEK

Fil-kuntest tal-UE, il-politiki u l-azzjonijiet relatati mal-ħiliet u l-kwalifiki (ħlief dawk li jagħtu aċċess għal professjonijiet irregolati) huma bbażati fuq l-Artikoli 165 (edukazzjoni) u 166 (taħriġ vokazzjonali) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Iż-żewġ artikoli jagħmluha ċara li l-azzjoni tal-UE hija relatata mal-inkoraġġiment tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk meħtieġ, tappoġġja u tissupplimenta l-azzjoni ta' tagħhom, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' tagħhom, kif ukoll id-diversità kulturali u lingwistika.

Il-QEK mhuwiex:

- qafas biex jarmonizza l-kwalifiki jew l-istandards ta' kwalifiki bejn l-Istati Membri tal-UE (iżda jista' jwassal għall-iżvilupp ta' kwalifiki simili bejn żewġ pajjiżi jew aktar);
- jintroduċi rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki bejn l-Istati Membri tal-UE (iżda jagħmel ir-ikonoxximent aktar faċli permezz tat-trasparenza akbar li jgħib);
- qafas iffukat fuq il-klassifikazzjoni tal-kompetenzi individwali permezz tad-deskritturi bbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim tiegħu (iżda l-QEK jista' jispira u jiffaċilita l-valutazzjoni u l-validazzjoni ta', pereżempju, il-ħiliet miksuba permezz tax-xogħol u l-esperjenzi tal-ħajja).

Kif jaħdem ix-xogħol ta' referenzjar tal-QEK fil-prattika?

Ir-Rakkomandazzjoni dwar il-QEK tistieden lill-Istati Membri biex jirreferu l-QNK jew is-sistemi tagħhom għall-QEK, sabiex tiġi stabbilita relazzjoni ċara u trasparenti bejn il-livelli ta' kwalifiki nazzjonali tagħhom u t-tmien livelli tal-QEK.

Minħabba li l-QEK l-ewwel u qabel kollox huwa għodda tat-traduzzjoni, il-kwalifiki mhumiex inklużi direttament fil-QEK. Dawn minflok huma inklużi fil-QNK, fejn il-livell u l-valur tagħhom barra 'l pajjiż jista' jinftiehem b'referenza għat-tmien livelli tal-QEK. Din it-traduzzjoni ssir viżibbli għaċ-ċittadini hekk kif jiżiedu livelli QEK maċ-ċertifikati u d-diplomi nazzjonali u inklużi fil-QNK.

Kull pajjiż li jkun irid jorbot il-livelli ta' kwalifiki nazzjonali tiegħu mal-QEK, għandu jħejji rapport ta' referenzjar iddettaljat li jsegwi l-10 kriterji ta' referenzjar tal-QEK maqbula fl-Anness III għar-Rakkomandazzjoni riveduta dwar il-QEK.

Il-kriterji ta' referenzjar għandhom jiżguraw li l-QNK ikollhom referenza għall-QEK b'mod koerenti u trasparenti. Il-kriterji jgħinu wkoll bl-istrutturar tar-rapporti ta' referenzjar, li għandhom jinkludu l-input u d-dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-korpi tal-assigurazzjoni tal-kwalità nazzjonali u l-esperti internazzjonali.

Kriterji ta' referenzjar tal-QEK

1. Ir-responsabbiltajiet u/jew il-kompetenza legali tal-korpi nazzjonali rilevanti kollha fil-proċess ta' referenzjar huma ddeterminati u ppubblikati b'mod ċar mill-awtoritajiet kompetenti.
2. Hemm rabta ċara u li tista' tintwera bejn il-livelli ta' kwalifiki fil-QNK jew is-sistemi u d-deskrizzjoni tal-livell tal-QEK.
3. Il-QNK jew is-sistemi u l-kwalifiki tagħhom huma bbażati fuq il-prinċipju u l-oġettiv tal-eżiti tat-tagħlim u huma relatati mal-arranġamenti għall-validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u mhux formali u, fejn xieraq, għas-sistemi ta' krediti.
4. Il-proċeduri għall-inklużjoni tal-kwalifiki fil-QNK, jew biex jiġi deskritt il-post tal-kwalifiki fis-sistema ta' kwalifiki nazzjonali, huma trasparenti.
5. Is-sistema/sistemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità nazzjonali għall-edukazzjoni u t-taħriġ tirreferi/jirreferu għall-QNK jew għal sistemi u jkunu konsistenti mal-prinċipji dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità kif speċifikat fl-Anness IV għar-Rakkomandazzjoni dwar il-QEK.
6. Il-proċess ta' referenzjar għandu jinkludi ftehim iddikjarat mill-korpi tal-assigurazzjoni tal-kwalità rilevanti li r-rapport ta' referenzjar huwa konsistenti mal-arranġamenti, id-dispożizzjonijiet u l-prattika nazzjonali rilevanti tal-assigurazzjoni tal-kwalità.
7. Il-proċess ta' referenzjar għandu jinvolvi esperti internazzjonali u r-rapporti ta' referenzjar għandhom jinkludu dikjarazzjonijiet bil-miktub ta' mill-inqas żewġ esperti internazzjonali minn żewġ pajjiżi differenti dwar il-proċess ta' referenzjar.
8. L-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiċċertifikaw ir-referenzjar tal-QNK jew is-sistemi mal-QEK. Rapport komprensiv wieħed, li jstabilixxi r-referenzjar u l-evidenza li tappoġġjah, għandu jiġi ppubblikat mill-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-Punti ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-QEK, u għandu jindirizza kull wieħed mill-kriterji b'mod separat. L-istess rapport jista' jintuża għall-awtoċertifikazzjoni għall-Qafas ta' Kwalifiki taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja, skont il-kriterji ta' awtoċertifikazzjoni ta' dan tal-aħħar.
9. Fi żmien sitt xhur wara li jkunu rreferew jew aġġornaw ir-rapport ta' referenzjar, l-Istati Membri u pajjiżi parteċipanti oħra għandhom jipubblikaw ir-rapport ta' referenzjar u jipprovdu informazzjoni rilevanti għall-finijiet ta' tqabbil fuq il-portal Ewropew rilevanti.
10. Minbarra l-proċessi ta' referenzjar, id-dokumenti kollha li jkunu għadhom kif inħarġu li huma parti mill-QNK jew sistemi (eż. ċertifikati, diplomi, supplimenti ta' ċertifikati/diplomi) u/jew reġistri ta' kwalifiki maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom referenza ċara, permezz tal-QNK jew is-sistemi, għal-livell xieraq tal-QEK.

Ir-rwol tal-Grupp Konsultattiv tal-QEK

Il-Grupp Konsultattiv tal-QEK twaqqaf fl-2008 biex jiżgura koerenza ġenerali u jippromwovi t-trasparenza u l-fiduċja fil-proċess ta' referenzjar. Ir-rwol tiegħu ġie kkonfermat mir-Rakkomandazzjoni tal-2017.

Il-grupp huwa ppresedut mill-Kummissjoni Ewropea u huwa magħmul minn rappreżentanti nazzjonali (tnejn għal kull Stat Membru u għal kull wieħed mill-11-il pajjiż parteċipanti l-oħra), atturi tas-suq tax-xogħol, rappreżentanti tal-edukazzjoni u t-taħriġ u s-soċjetà ċivili, kif ukoll il-Kunsill tal-Ewropa. Huwa appoġġjat mill-għarfien espert taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF).

Il-grupp jiddiskuti kull rapport ta' referenzjar fid-dettall u jipprovdi feedback lill-pajjiżi li jagħtu preżentazzjoni. Il-preżentazzjoni u d-diskussjoni tar-rapport huma maħsuba biex itejbu l-fehim tal-QNK u s-sistemi bejn il-pajjiżi li jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tal-QEK. L-għan ta' dan il-proċess huwa li jintlaħaq fehim realistiku tal-QNK u r-rabta tagħhom mal-QEK, kif ukoll il-kwalifiki inklużi fil-QNK u l-mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità. F'dan il-proċess ta' rieżami bejn il-pari, il-membri tal-QEK għandhom ir-rwol ta' "ħbieb kritiċi" u jgħinu lill-kollegi minn pajjiżi oħra jippreżentaw is-sistemi u l-kwalifiki tagħhom b'mod trasparenti.

Pajjiż ikollu referenza għall-QEK ladarba l-Grupp Konsultattiv tal-QEK jikkunsidra r-rapport ta' referenzjar tiegħu bħala trasparenti biżżejjed u jirrispetta l-10 kriterji ta' referenzjar kollha tal-QEK. Jekk il-Grupp Konsultattiv ma jsibx ir-rapport u l-ispejgazzjonijiet mogħtija sodisfaċenti, il-pajjiż jintalab jipprovdi kjarifiki jew jissottometti rapport rivedut matul il-laqqha tal-Grupp Konsultattiv tal-QEK.

Bħala l-forum ċentrali għad-diskussjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati dwar l-implimentazzjoni tal-QEK, il-Grupp Konsultattiv tal-QEK għandu rwol importanti fil-bini tal-fiduċja bejn il-pajjiżi involuti fil-QEK. Il-fiduċja hija żviluppata aktar permezz tal-attivitajiet ta' taħlim bejn il-pari b'fokus tematiku speċifiku.

Ir-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-QEK f'Mejju 2017

It-twaqqif tal-QEK ta bidu għall-proċess biex il-kwalifiki fl-Ewropa jsiru aktar faċilment komparabbli. Fl-2017, ir-Rakkomandazzjoni dwar il-QEK - li tirrifletti appoġġ qawwi mill-Istati Membri kollha - kienet irriveduta biex tinkludi elementi ġodda li se jgħinu lill-qafas jadatta għall-isfidi tal-lum u tal-futur. Dawn l-elementi l-ġodda jinkludu:

- stedina lill-Istati Membri biex iżommu r-referenzjar tal-QNK tagħhom għall-QEK aġġornat;
- prinċipji ta' assigurazzjoni tal-kwalità riveduti ffukati fuq il-kwalifiki;
- skambji ta' informazzjoni u konsultazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-livelli allokat lill-kwalifiki internazzjonali inklużi fil-QNK tagħhom;
- il-possibbiltà li jiġu żviluppatti u applikati kriterji u proċeduri biex oqfsa ta' kwalifiki ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jitqabblu mal-QEK;
- rakkomandazzjonijiet dwar il-komunikazzjoni mtejba dwar il-QEK.

Barra minn hekk, il-prattiki eżistenti saru aktar trasparenti bl-inklużjoni tagħhom fir-Rakkomandazzjoni (eż. il-kriterji ta' referenzjar tal-QEK).

Aġġornament tar-referenzjar tal-QEK

Ir-rapporti ta' referenzjar tal-QEK jirrappreżentaw "ritratt" tas-sitwazzjoni preżenti u eventwalment ma jibqgħux validi hekk kif il-QNK u s-sistemi jevolvu. Din hija r-raġuni għaliex ir-Rakkomandazzjoni dwar il-QEK tistieden lill-Istati Membri biex jirvedu u jaġġornaw ir-rapport ta' referenzjar tagħhom meta rilevanti. L-informazzjoni inkluża fir-rapporti ta' referenzjar għandha tkun preċiża u trasparenti, peress li din tinfluenza direttament il-punt sa fejn il-QNK huwa fdat. B'dan il-mod, it-traduzzjoni tal-livelli ta' kwalifiki nazzjonali fil-livelli tal-QEK se tibqa' rilevanti u f'konformità mas-sistemi ta' kwalifiki nazzjonali. Dan jiddetermina wkoll sa liema punt il-QEK jista' jiffaċilita l-komparabbiltà u l-portabbiltà tal-kwalifiki.

Ir-referenzjar tal-QNK għall-QEK, u l-komparabbiltà disponibbli permezz tiegħu, jinfluenza wkoll ir-reviżjoni u t-tiġdid tal-kwalifiki nazzjonali. Il-proċess ta' tagħlim bejn il-pari li jsir fil-livell tal-UE jista' juri kwalunkwe bidla fis-sistema tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-kwalifiki li tista' tkun ta' benefiċċju għall-istudenti.

Pubblikazzjoni ta' rapporti ta' referenzjar

Il-pajjiżi li jkollhom referenza għall-QEK huma mistiedna jagħmlu r-riżultati tal-proċess disponibbli għall-pubbliku fi żmien sitt xhur, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll Ewropew. Fil-livell Ewropew, dan attwalment isir permezz tal-portal tal-Opportunitajiet ta' Tagħlim u l-Kwalifiki.

Il-pajjiżi jistgħu jikkondividu wkoll l-informazzjoni fuq id-databases jew ir-reġistri tagħhom ta' kwalifiki nazzjonali billi jorbtuhom mal-portal tal-Opportunitajiet ta' Tagħlim u l-Kwalifiki jew jipubblikaw il-kwalifiki tagħhom fuq il-portal tal-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO). Id-data dwar il-kwalifiki għandha tinkludi l-livell tal-QEK (u tal-QNK), u l-informazzjoni dwar l-eżiti ta' tagħlim. L-informazzjoni ppubblikata tagħmel il-kwalifiki aċċessibbli faċilment għall-individwi, l-impjegaturi, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-korpi ta' rikonossiment u oħrajn.

Livelli tal-QEK fuq iċ-ċertifikati, is-supplimenti u fir-reġistri tal-kwalifiki

Ladarba jkollhom referenza għall-QEK, il-pajjiżi huma mistiedna jżidu referenza ċara għal-livell xieraq tal-QEK għad-dokumenti tal-kwalifiki kollha maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti (eż. ċertifikati, diplomi, supplimenti), u/jew reġistri ta' kwalifiki. Li jkun muri fuq ċertifikati u diplomi jgħin biex jagħmel il-QEK (u l-QNK) viżibbli għall-individwi u l-impjegaturi.

Prinċipji ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-QEK

Il-fiduċja fil-kwalità u l-livell ta' kwalifiki b'livell tal-QEK hija essenzjali sabiex tiġi appoġġjata l-mobbiltà fil-konfini settorjali u ġeografiċi, u dan jagħmel l-assigurazzjoni tal-kwalità essenzjali. Ir-Rakkomandazzjoni tal-2017 irrinfurzat il-prinċipji tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-QEK, li huma espressi b'dawn il-modi li ġejjin:

- L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kwalifiki b'livell tal-QEK huma skont il-prinċipji komuni għall-assigurazzjoni tal-kwalità stabbiliti fl-Anness IV, mingħajr preġudizzju għall-prinċipji tal-assigurazzjoni tal-kwalità nazzjonali li japplikaw għall-kwalifiki nazzjonali.
- Il-kriterji 5 u 6 tar-referenzjar tal-QEK jikkonċernaw l-assigurazzjoni tal-kwalità. Il-kriterju 5 jitolb lis-sistema/systemi nazzjonali tal-assigurazzjoni tal-kwalità għall-edukazzjoni u t-taħriġ tirreferi/jirreferu għall-QNK jew għal sistemi u jkun konsistenti mal-prinċipji dwar il-kwalità tal-assigurazzjoni kif speċifikat fl-Anness IV għar-Rakkomandazzjoni. Il-kriterju 6 jiddikjara li l-proċess ta' referenzjar għandu jinkludi ftehim iddikjarat mill-korpi tal-assigurazzjoni tal-kwalità rilevanti li r-rapport ta' referenzjar huwa konsistenti mal-arranġamenti, id-dispożizzjonijiet u l-prattika nazzjonali rilevanti tal-assigurazzjoni tal-kwalità.
- L-Anness IV għar-Rakkomandazzjoni dwar il-QEK fih 10 prinċipji tal-assigurazzjoni tal-kwalità għall-kwalifiki li huma parti mill-QNK jew is-sistemi li jkollhom referenza għall-QEK. Dawn jiddikjaraw li l-kwalifiki kollha b'livell tal-QEK għandhom jiġu assigurati għall-kwalità biex tiżdied il-fiduċja fil-kwalità u l-livell tagħhom. Il-prinċipji huma kompatibbli maż-żewġ oqfsa Ewropej eżistenti għall-assigurazzjoni tal-kwalità: il-qafas tal-Istandards u l-Linji Gwida Ewropej (ESG) għal edukazzjoni għolja u l-qafas Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (EQAVET) għall-ETV.

Prinċipji ta' assigurazzjoni tal-kwalità għall-kwalifiki b'livell tal-QEK

Bi qbil maċ-ċirkostanzi nazzjonali, u b'kont meħud tad-differenzi settorjali, l-assigurazzjoni tal-kwalità ma' livell QEK għandha:

- tindirizza d-disinn tal-kwalifiki kif ukoll l-applikazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-eżiti tat-tagħlim;
 - tiżgura valutazzjoni valida u affidabbli skont standards ibbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim maqbula u trasparenti, u tindirizza l-proċess ta' ċertifikazzjoni;
 - tikkonsisti minn mekkaniżmi u proċeduri ta' feedback għal titjib kontinwu;
 - tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fl-istadji kollha tal-proċess;
 - tkun magħmula minn metodi ta' evalwazzjoni konsistenti, awtoevalwazzjoni u revizzjoni esterna;
 - tkun parti integrali mill-ġestjoni interna, inklużi l-attivitajiet sottokuntrattati, tal-korpi li joħroġu l-kwalifiki b'livell tal-QEK;
 - tkun ibbażata fuq objettivi, standards u linji gwida ċari u li jistgħu jitkejlu;
 - tkun appoġġjata minn riżorsi xierqa;
 - tinkludi revizzjoni regolari tal-korpi jew l-aġenziji ta' monitoraġġ esterni eżistenti li jwettqu assigurazzjoni tal-kwalità;
 - tinkludi riżultati tal-evalwazzjoni li jistgħu jiġu aċċessati elettronikament.
-

Il-QEK u s-sistemi ta' krediti

Permezz tal-approċċ ibbażat fuq l-eżiti tat-tagħlim, il-QEK u l-QNK għandhom jappoġġjaw aħjar l-individwi meta jkunu qed jeqilbu (i) bejn diversi livelli ta' edukazzjoni u taħriġ, (ii) fi ħdan u bejn setturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, (iii) bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ u s-sug tax-xogħol, u (iv) fi ħdan il-konfini jew lil hinn minnhom.

Skont ir-Rakkomandazzjoni riveduta, l-Istati Membri tal-UE qablu li jekk il-QNK fihom jew huma marbuta ma' sistemi ta' krediti, dawn jeftieġ li jitmexxew b'mod ikkoordinat biex jiġu appoġġjati t-tranżizzjonijiet u tiġi ffaċilitata l-progressjoni. Għaldaqstant, ġew żviluppati seba' prinċipji li huma kompatibbli mal-għodod ta' trasparenza eżistenti għal sistemi ta' krediti bħas-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS) f'edukazzjoni għolja u s-sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET) fl-ETV.

Il-QEK u l-Qafas tal-Kwalifiki taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja

Il-QEK huwa kompatibbli mal-Qafas tal-Kwalifiki għaż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja u d-deskritturi taċ-ċiklu tiegħu. Il-qafas kien maqbul mill-ministri tal-edukazzjoni tal-Proċess intergovernattiv ta' Bologna fl-2005. Bl-eċċezzjoni tal-Kosovo,⁴ il-pajjiżi tal-QEK kollha jieħdu sehem fil-proċess ta' Bologna. Iċ-ċiklu qasir (li jista' jkun marbut mal-ewwel ċiklu jew matulu), l-ewwel, it-tieni u t-tielet ċiklu tal-qafas jikkorrispondu għal-livelli 5-8 tal-QEK rispettivament.

Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li jkollhom referenza għall-QEK ħejjew rapport uniku li jinkludi wkoll awtoċertifikazzjoni għall-Qafas tal-Kwalifiki taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja.

4 L-użu ta' dan l-isem hu mingħajr preġudizzju għal pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Kosovo

Deskritturi li jiddefinixxu l-livelli fil-QEK



Għarfien



Ħiliet

Fil-kuntest tal-QEK, l-għarfien jiġi deskritt bħala teoretiku u/jew fattwali.

Fil-kuntest tal-QEK, il-ħiliet jiġu deskritti bħala konjittivi (peress li jinvolvu l-użu tal-loġika, l-intwizzjoni u l-ħsieb kreattiv) u prattiċi (peress li jinvolvu l-kapaċità manwali u l-użu ta' metodi, materjal, għodda u strumenti).

Livell 1	għarfien ġenerali bażiku	ħiliet bażiċi meħtieġa għat-twettiq ta' kompiti sempliċi
Livell 2	għarfien fattwali bażiku dwar qasam ta' xogħol jew studju	ħiliet konjittivi u prattiċi bażiċi meħtieġa biex l-informazzjoni rilevanti tintuża biex jitwettqu kompiti u jissolvew problemi ta' rutina permezz tal-użu ta' regoli u għodod sempliċi
Livell 3	għarfien tal-fatti, il-prinċipji, il-proċessi u l-kunċetti ġenerali, f'qasam ta' xogħol jew studju	firxa ta' ħiliet konjittivi u prattiċi meħtieġa biex jitwettqu kompiti u jissolvew problemi billi jintgħażlu u jitħaddmu metodi, għodod, materjal u informazzjoni bażiċi
Livell 4	għarfien fattwali u teoretiku f'kuntesti wesgħin f'qasam ta' xogħol jew studju	firxa tal-ħiliet konjittivi u prattiċi meħtieġa biex jinstabu soluzzjonijiet għal problemi speċifiċi f'qasam ta' xogħol jew studju
Livell 5	għarfien komprensiv, speċjalizzat, fattwali u teoretiku f'qasam ta' xogħol jew studju u fehim tal-limiti ta' dak l-għarfien	firxa komprensiva tal-ħiliet konjittivi u prattiċi meħtieġa biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet kreattivi għal problemi astratti
Livell 6	għarfien avanzat ta' qasam ta' xogħol jew studju, li jinvolvi fehim kritiku ta' teoriji u prinċipji	ħiliet avanzati li juru ħakma tas-suġġett u innovazzjoni, li huma meħtieġa biex jiġu solvuti problemi kumplessi u imprevedibbli f'qasam ta' xogħol jew studju speċjalizzat
Livell 7	għarfien speċjalizzat ferm, li parti minnu tkun fost l-aktar prominenti f'qasam ta' xogħol jew studju, li fuqu jissejsu l-ħsieb u/jew ir-riċerka oriġinali moħħ kritiku b'rabta ma' kwistjonijiet ta' għarfien f'qasam partikolari u fl-interfaċċa bejn oqsma differenti	ħiliet speċjalizzati fir-riżoluzzjoni ta' problemi li huma meħtieġa fir-riċerka u/jew fl-innovazzjoni biex jiġu żviluppati għarfien u proċeduri ġodda u biex jiġi integrat l-għarfien minn oqsma differenti
Livell 8	għarfien mill-aktar avanzat f'qasam ta' xogħol jew studju u fl-interfaċċa bejn żewġ oqsma	l-aktar ħiliet u tekniki avanzati u speċjalizzati, inklużi s-sinteżi u l-evalwazzjoni, meħtieġa biex tinstab soluzzjoni għal problemi kritiċi fir-riċerka u/jew fl-innovazzjoni u biex jitwessgħu u jissawru mill-ġdid l-għarfien jew il-prattiki professjonali eżistenti



Responsabbiltà u awtonomija

Fil-kuntest tal-QEK, ir-responsabbiltà u l-awtonomija jiġu deskritti b'ħala l-kapaċità ta' min jiġgħallem li japplika l-għarfien u l-ħiliet b'mod awtonomu u b'responsabbiltà

xogħol jew studju taħt superviżjoni diretta f'kuntest strutturat	Livell 1
xogħol jew studju taħt superviżjoni iżda b'ċerta awtonomija	Livell 2
teħid ta' responsabbiltà għat-twettiq ta' kompiti fix-xogħol jew fl-istudju adattament tal-imġiba personali għaċ-ċirkostanzi biex jissolvew il-problemi	Livell 3
kapaċità li wieħed imexxi lilu nnifsu skont il-linji gwida tal-kuntesti tax-xogħol jew tal-istudju li ħafna drabi jkunu prevedibbli, iżda jistgħu jinbidlu superviżjoni tax-xogħol ta' rutina ta' ħaddieħor, filwaqt li tittieħed ċerta responsabbiltà għall-evalwazzjoni u t-titjib ta' attivitajiet tax-xogħol jew tal-istudju	Livell 4
kapaċità ta' tmexxija u superviżjoni f'kuntesti ta' attivitajiet ta' xogħol jew studju li jinbidlu b'mod imprevedibbli rieżami u żvilupp tal-prestazzjoni personali u ta' persuni oħrajn	Livell 5
kapaċità li wieħed imexxi attivitajiet jew proġetti tekniċi jew professjonali kumplessi, filwaqt li jjeħu responsabbiltà għat-teħid ta' deċiżjonijiet f'kuntesti ta' xogħol jew studju imprevedibbli teħid ta' responsabbiltà għat-tmexxija tal-iżvilupp professjonali ta' individwi u gruppi	Livell 6
tmexxija u t-trasformazzjoni ta' kuntesti ta' xogħol jew studju li huma kumplessi, imprevedibbli u li jeħtieġu approċċi strateġiċi ġodda teħid ta' responsabbiltà għall-kontribut mogħti lill-għarfien u l-prattika professjonali u/jew għar-rieżami tal-prestazzjoni strateġika tat-timijiet	Livell 7
turija ta' ammont sostanzjali ta' awtorità, innovazzjoni, awtonomija, integrità akkademika u professjonali u impenn sostnut favur l-iżvilupp ta' ideat jew proċessi ġodda b'ħala prijorità f'kuntesti ta' xogħol jew studju, inkluża r-riċerka	Livell 8



Kif jista' jintuża l-QEK u min jibbenefika mill-QEK?

Il-QEK inġoloq għal numru ta' skopijiet. Filwaqt li l-iskop primarju tiegħu huwa li jgħin liċ-ċittadini individwali jsegwu l-karrieri tagħhom ta' tagħlim u impjeg, il-qafas jappoġġja wkoll lill-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjegi biex itejbu l-politiki u l-prattiki tagħhom. Bħala qafas ta' referenza komprensiv u inklużiv għall-kwalifiki, li jindirizza t-tipi u l-livelli kollha, il-QEK għandu ħafna utenti, li jvarjaw minn individwi, impjegaturi, trejdnjins, fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, korpi ta' rikonoxximent tal-kwalifiki sa awtoritajiet governattivi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Xi benefiċċji esperjenzati u mistennija għal udjenzi fil-mira differenti huma miġbura fil-qosor hawn taħt.

Il-QEK jappoġġja l-karrieri fis-suq tax-xogħol

Il-kwalifiki jagħtu aċċess għall-impjegi u jipprovdu l-bażi li fuqha jinbnew il-karrieri. Li ssib impjeg, jew li tibdel impjeg, jirrikjedu li l-kwalifiki jiġu mifhuma, iġġudikati b'mod ġust u vvalutati b'mod korrett mill-impjegaturi u partijiet ikkonċernati oħra tas-suq. Għalhekk il-kapaċità ta' kwalifika li tindika x'jaf, jifhem u huwa kapaċi jagħmel detentur hija essenzjali.

L-użu tal-eżiti tat-tagħlim biex jiġu deskritti l-kwalifiki - u l-inklużjoni tal-livelli ta' kwalifiki Ewropej u nazzjonali fuqhom - jagħmilha aktar faċli għall-impjegaturi biex jinterpretaw il-kwalifiki tal-applikanti.

Il-QEK jippermetti wkoll lill-impjegaturi jivvalutaw aħjar kwalifiki minn pajjiżi u istituzzjonijiet oħra li ma jafux dwarhom. Dawn jistgħu jifhemu aħjar il-livell ta' kull kandidat, iqabblu l-kwalifiki tagħhom ma' kwalifiki nazzjonali, jifhemu r-rilevanza ta' dawk il-kwalifiki u jaraw kif l-eżiti tat-tagħlim jaqblu mal-ħtiġijiet tal-kumpanija jew is-settur.

Permezz tal-QEK, l-impjegaturi jistgħu jittrattaw l-Ewropa bħala żona ta' kwalifiki waħda. Dan inaqqas l-ostakoli għall-mobbiltà tax-xogħol, jappoġġja użu aħjar tal-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenza eżistenti u jtejjeb it-tqabbil bejn id-domanda u l-provvista tax-xogħol.

Il-QEK jipromwovi lingwa komuni bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ u s-suq tax-xogħol

Billi jipromwovi l-bidla għall-eżiti tat-tagħlim, il-QEK jista' jiffaċilita wkoll id-djalogu dwar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u d-dispożizzjonijiet tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Djalogu strutturat permezz tal-eżiti tat-tagħlim bħala lingwa komuni jgħin biex isaħħaħ ir-rilevanza u jżid l-attraenza tal-kwalifiki.

Il-QEK u l-QNK bħala mappa li tgħin lill-istudenti jieħdu deċiżjonijiet dwar edukazzjoni u taħriġ ulterjuri

Il-QEK, peress li huwa marbut mill-qrib mal-QNK f'39 pajjiż Ewropew⁵, jipprovdi mappa komprensiva tat-tipi u l-livelli kollha ta' kwalifiki fl-Ewropa. Filwaqt li huma dejjem aktar aċċessibbli permezz tad-databases tal-kwalifiki nazzjonali, l-istudenti jistgħu jużaw l-oqfsa biex jidentifikaw il-livell ta' kwalifika partikolari u kif huwa relatat ma' kwalifiki oħra. Bħala mappa li tgħaqqad flimkien QNK differenti, il-QEK huwa rilevanti għal gruppi differenti ta' studenti u jipprovdi deskrizzjoni faċilment aċċessibbli tal-kwalifiki u l-mogħdijiet tal-kwalifiki. L-individwi li jfittxu edukazzjoni jew taħriġ ulterjuri jistgħu jużaw l-oqfsa bħala punt ta' dħul għall-informazzjoni dwar korsijiet u programmi rilevanti.

Il-QEK u l-QNK huma faċilitatur tat-tagħlim tul il-ħajja

Il-ftuħ tal-kwalifiki għal varjetà wiesgħa ta' esperjenzi ta' tagħlim, pereżempju mix-xogħol u l-ħin liberu, huwa essenzjali għall-promozzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja. L-approċċ ibbażat fuq l-eżiti tat-tagħlim jagħmilha possibbli li jitqiesu esperjenzi li ma jaqgħux taħt l-edukazzjoni formali.

Validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali fl-Ewropa

Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Ewropej issa stabbilew arranġamenti għall-validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali. Dawn l-arranġamenti jagħmluha possibbli għall-istudenti biex ikollhom it-tagħlim preċedenti tagħhom identifikat, ivvalutat u, jekk jissodisfa r-rekwiżiti u l-istandards maqbula, rikonoxxut bħala kwalifika parzjali jew sħiħa. Dan huwa importanti għaċ-ċittadini peress li jiġi evitat ix-xogħol duplikat, u jitqiesu esperjenzi ta' tagħlim diversi u rikki⁶.

Mogħdijiet ta' tagħlim flessibbli huma prekondizzjonijiet importanti għall-iffaċilitar tat-tagħlim tul il-ħajja. L-arranġamenti ta' trasferiment u akkumulazzjoni ta' krediti jiffurmaw parti minn dan l-approċċ. Il-QEK u l-approċċ tiegħu bbażat fuq l-eżiti tat-tagħlim jappoġġja t-trasferiment u l-akkumulazzjoni ta' krediti u jista', flimkien mal-validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali, jiffaċilita direttament it-tagħlim tul il-ħajja.

5 2018-80078-0-1, bi skadenza għas-6.12.2018

6 2018-80078-0-1, bi skadenza għas-6.12.2018

Kwalifiki b'livell QEK huma munita fdata

Peress li s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ huma differenti bejn il-pajjiżi, jista' jkun diffiċli li wieħed japprezza l-valur u r-rilevanza tal-kwalifiki barranin. Bħala riżultat, hemm riskju li l-kwalifiki ma jiġux iġġudikati u evalwati b'mod ġust. L-istess problema tista' tinħoloq meta jiġu kkombinati kwalifiki minn setturi u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ differenti.

Il-livelli tal-QEK issa qegħdin dejjem aktar jiġu inklużi fiċ-ċertifikati u d-diplomi nazzjonali fl-Ewropa kollha, u dan jagħmilha possibbli biex wieħed jara kif kwalifika partikolari hija relatata ma' oħrajn f'kuntest Ewropew usa'. Il-kooperazzjoni sistematika u fit-tul bejn il-pajjiżi permezz tal-QEK u l-QNK, li jagħxu bħala gwardjani tal-kwalifiki assigurati għall-kwalità, tiżgura li dawn il-livelli jistgħu jiġu fdati fl-Ewropa kollha. Bħala riżultat, iċ-ċittadini jistgħu jiddistingwu aktar faċilment bejn kwalifiki li jistgħu jiġu fdati jew dawk li ma jistgħux, jew huma "folz". B'dan il-mod il-QEK iservi wkoll bħala tip ta' "protezzjoni tal-konsumatur".

Il-QEK jagħmel ir-rikonoxximent tal-kwalifiki eħfef

Il-QEK jiffaċilita r-rikonoxximent tal-kwalifiki billi jippromwovi l-użu tal-eżiti tat-tagħlim, jippermetti lid-detenturi u lir-riċevituri tal-kwalifiki jivvalutaw b'mod dirett il-kontenut, il-livell u l-profil tal-kwalifika inkwistjoni.

Il-QEK jaħdem flimkien ma' strumenti Ewropew u internazzjonali oħra billi jappoġġja r-rikonoxximent tal-kwalifiki. Filwaqt li dawn l-istrumenti jew jiffukaw fuq kwalifiki rregolati u/jew akkademiċi, il-QEK jappoġġja r-rikonoxximent tat-tagħlim għall-kwalifiki kollha.

Strumenti Ewropej u internazzjonali li jappoġġjaw ir-rikonoxximent tal-kwalifiki

- Id-Direttiva 2005/36/KE tindirizza r-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali fl-UE, u tippermetti lill-professjonisti jiċċaqalqu bejn il-fruntieri u jipprattikaw l-okkupazzjoni tagħhom jew jipprovdu servizzi barra 'l pajjiż⁷;
- Il-konvenzjoni ta' rikonnoxximent ta' Lisbona⁸ hija ftehim internazzjonali amministrat mill-UNESCO u l-Kunsill tal-Ewropa li tippermetti r-rikonoxximent tal-kwalifiki akkademiċi fl-Ewropa u lil hinn;
- In-netwerk ENIC/NARIC⁹ huwa netwerk ta' ċentri nazzjonali mwaqqfa biex jappoġġja direttament l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini bir-rikonoxximent tal-kwalifiki akkademiċi.

7 2018-80078-0-1, bi skadenza għas-6.12.2018

8 <https://rm.coe.int/168007f2c7>

9 <http://www.enic-naric.net/>

Il-QEK jappoġġja għodod oħra ta' trasparenza tal-UE

Il-Kummissjoni Ewropea, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, nediet numru ta' għodod li jappoġġjaw il-modernizzazzjoni tas-sistemi Ewropew tal-edukazzjoni u t-taħriġ matul dawn l-aħħar għaxar snin. Filwaqt li jiffukaw fuq il-ħtieġa għal aktar trasparenza u komparabbiltà tal-ħiliet u l-kwalifiki, dawn l-għodod jappoġġjaw it-tagħlim ġeografiku u tul il-ħajja taċ-ċittadini. Il-perspettiva tal-eżiti tat-tagħlim tista' titqies bħala l-“kolla” li tgħaqqad dawn l-għodod flimkien, filwaqt li tirrispetta d-diversità tas-soluzzjonijiet nazzjonali iżda fl-istess ħin tippermettilhom jaħdmu flimkien.

Ħafna minn dawn l-għodod jindirizzaw iċ-ċittadini direttament, bħal fil-każ tal-Europass u s-sistema ta' krediti għal edukazzjoni għolja (ECTS) u ETV (ECVET). Filwaqt li l-Europass jappoġġja lill-individwi fit-tagħlim u l-karrieri tagħhom, is-sistema ta' krediti tiffaċilita l-mogħdijiet ta' tagħlim flessibbli u t-tagħlim tul il-ħajja.

Grupp ieħor ta' għodod jappoġġja l-ħidma tal-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet nazzjonali, u b'mod indirett jindirizza l-ħtiġijiet taċ-ċittadini individwali. Dan japplika għal firxa ta' inizjattivi ta' gwida għall-karrieri u validazzjoni tat-tagħlim, fejn l-inizjattivi Ewropej huma inċentiv biex jitwaqqfu l-arranġamenti nazzjonali u jiġu kkondiviżi l-prattiki. L-għodod li jappoġġjaw il-kooperazzjoni dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja (ESG) u l-ETV (EQAVET) għandhom l-għan li jżidu l-fiduċja u t-trasparenza bejn il-pajjiżi. Barra minn hekk, bl-introduzzjoni tal-klassifikazzjoni tal-ESCO, il-Kummissjoni stabbiliet terminoloġija li tappoġġja l-fokus fuq l-eżiti tat-tagħlim u t-tisħiħ tad-djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni u t-taħriġ u s-suq tax-xogħol.



**X'impatt kellu l-QEK
s'issa?**

Ħarsa ġenerali

Mill-2008, 39 pajjiż huma involuti fil-QEK. Minbarra t-28 Stat Membru tal-UE, din il-figura tinkludi 11-il Stat mhux Membru (l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Maċedonja ta' Fuq, l-Iżlanda, il-Kosovo¹⁰, il-Liechtenstein, il-Montenegro, in-Norveġja, is-Serbja, l-Iżvizzera u t-Turkija).

Bħalissa, 35 pajjiż (27 Stat Membru tal-UE u 8 Stati mhux Membri) irreferew il-QNK jew is-sistemi tagħhom għall-QEK. Dan ifisser li ġiet stabbilita rabta ċara bejn il-livelli nazzjonali u Ewropej. Il-biċċa l-kbira tar-rapporti ta' referenzjar ġew ippubblikati wkoll fuq il-portal tal-Opportunitajiet ta' Tagħlim u Kwalifiki fl-Ewropa¹¹.

Biex tintlaħaq l-implimentazzjoni sħiħa u titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku ġenerali, il-pajjiżi għandhom jieħdu azzjonijiet biex b'hekk il-kwalifiki tagħhom ikollhom referenza ċara għal-livell xieraq tal-QEK. Il-livelli Ewropej għandhom jidhru fuq id-dokumenti ta' kwalifiki u fid-databases jew ir-reġistri tal-kwalifiki biex il-kwalifiki jkunu aktar trasparenti u komparabbli. Il-viżibbiltà tal-livelli tal-QEK hija element ewlieni fis-suċċess tal-implimentazzjoni tal-QEK.

Bħalissa, 23 pajjiż li għandhom referenza għall-QEK juru l-livelli tal-QEK fuq iċ-ċertifikati, id-diplomi jew s-supplimenti tal-Europass, filwaqt li 17-il pajjiż juru livelli tal-QEK fid-databases jew ir-reġistri tal-kwalifiki. Għadd ta' pajjiżi issa qed jaħdmu biex iqabbd u d-databases tagħhom mal-portal tal-Opportunitajiet ta' Tagħlim u kwalifiki fl-Ewropa. Dawn jistgħu jorbtu wkoll il-kwalifiki tagħhom mal-portal tal-ESCO¹².

L-iżvilupp ta' QNK u l-bidla fl-eżiti tat-tagħlim

Il-QEK kellu impatt kbir fuq l-iżvilupp tal-QNK fl-Ewropa. Bħalissa, hemm stabbiliti 43 QNK, filwaqt li 3 biss kienu jeżistu qabel l-adozzjoni tal-ewwel Rakkomandazzjoni dwar il-QEK fl-2008.

Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi introduċew oqfsa ta' tmien livelli, għalkemm xi wħud minnhom għandhom anqas jew aktar livelli (eż. il-qafas Franċiż għandu 5 livelli, dak Irlandiż 10 u dak Skoċiż 12). Numru ta' pajjiżi jużaw ukoll sottolivelli, li jitqies importanti sabiex jiġu ssodisfati l-interessi ta' ċerti partijiet ikkonċernati u xi drabi jipprovd u għal għotjiet tal-wirt.

Filwaqt li l-istadji bikrija tal-QEK kienu prinċipalment iffukati fuq it-twaqqif tal-QNK sabiex dawn ikollhom referenza għall-QEK, l-attivitajiet attwali ta' ħafna QNK jikkonċentraw fuq l-allokazzjoni ta' livelli lil kwalifiki individwali u r-reviżjoni tal-kwalifiki. Għaldaqstant, permezz tal-iżvilupp tal-oqfsa nazzjonali, il-QEK ikkontribwixxa għat-titjib fit-trasparenza tas-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki.

10 Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSC 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Kosovo

11 <https://ec.europa.eu/esco/portal/home>

12 <http://ec.europa.eu/esco>

Djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati

Impatt ieħor kien l-involvement tal-partijiet ikkonċernati tal-edukazzjoni/taħriġ u l-impjeggi u atturi differenti fil-qasam tal-edukazzjoni/taħriġ u d-djalogu bejniethom. Ispirati mill-QEK, kważi l-QNK kollha li għandhom referenza huma oqfsa komprensivi li jinkludu firxa wiesgħa ta' kwalifiki. Bħala riżultat, twaqqfu strutturi ta' djalogu permanenti f'diversi pajjiżi li jinkludu l-awtoritajiet pubbliċi, l-edukazzjoni għolja, l-ETV, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet ċivili.

Il-QNK u ETV għolja

L-implimentazzjoni tal-QEK u ta' dan id-djalogu rriżultaw f'livell ogħla ta' parità bejn l-ETV u l-edukazzjoni għolja f'xi pajjiżi. Id-deskritturi tal-QEK huma newtrali fir-rigward tat-taħriġ akkademiku u professjonali, u ma jistipulawx f'liema livell għandhom jitqiegħdu tipi differenti ta' kwalifiki. L-implimentazzjoni tal-QEK turi li l-kwalifiki orjentati lejn il-vokazzjonijiet u l-professjonalità jista' wkoll ikollhom referenza għal-livelli 5-8 (pereżempju, il-kwalifika Ġermaniża u Awstrijaka ta' ħaddiem tas-sengħa jkollhom referenza għal-livell 6, filwaqt li l-QNK Żvizzeru huwa espliċitament maħsub biex jappoġġja dan il-prinċipju).

L-irbit tal-oqfsa ta' kwalifiki u l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali

Ir-Rakkomandazzjoni tal-2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali rat ir-rabta mal-QNK bħala importanti għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-arranġamenti ta' validazzjoni fl-Ewropa. L-aġġornament tal-2016 tal-inventarju Ewropew dwar il-validazzjoni¹³ kkonferma li l-pajjiżi issa jaġħtu prijorità għolja lill-irbit tal-oqfsa u l-arranġamenti tal-validazzjoni. Il-QEK u l-QNK, permezz tal-fokus tagħhom fuq l-eżiti tat-tagħlim, jaġixxu bħala punt ta' referenza biex jidentifikaw, jiddokumentaw, jivvalutaw u jirrikonnoxxu t-tagħlim miksub f'ambjenti mhux formali u informali.

Kwalifiki mogħtija barra mill-edukazzjoni formali u t-taħriġ

Il-biċċa l-kbira tal-QNK Ewropej ikopru l-kwalifiki offruti fl-edukazzjoni formali u t-taħriġ (eż. ETV, edukazzjoni għolja u edukazzjoni ġenerali). Dawn il-kwalifiki huma rregolati u mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali. Madankollu, hemm xejra dejjem tikber fost il-pajjiżi biex jifftħu l-oqfsa tagħhom biex jinkludu l-kwalifiki mogħtija f'edukazzjoni u taħriġ kontinwu u ulterjuri, li ħafna drabi jingħataw barra mis-sistema ta' kwalifiki nazzjonali formali.

Impatt dinji

Il-QEK u d-deskritturi tal-livell tiegħu kienu sors ta' ispirazzjoni għall-iżvilupp tal-oqfsa tal-kwalifiki madwar id-dinja. Bħalissa jeżistu jew qegħdin jiġu żviluppati aktar minn 150 QNK¹⁴. Effett sekondarju pożittiv tal-QEK li huwa relattivament magħruf sew barra l-Ewropa huwa li l-korpi ta' rikonnoxximent tal-kwalifiki jifhmu faċilment il-kwalifiki, li jiffaċilita r-rikonoxximent tagħhom.

¹³ <http://www.cedefop.europa.eu/en/events-and-projects/projects/validation-non-formal-and-informal-learning/european-inventory>
¹⁴ <https://publications.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/406d3baf-deef-11e7-9749-01aa75ed71a1/language-MT>



Ħarsa lejn il-ġejjieni

Ir-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-QEK f'Mejju 2017 tat lill-proċess tal-QEK impetu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni tistieden lill-Istati Membri jirvedu u jaġġornaw ir-referenzi tagħhom għall-QEK meta jkun rilevanti, li jgħin jiżgura li l-informazzjoni li tinfed ir-referenzjar tkun preċiża, trasparenti u tirrifletti kwalunkwe bidla rilevanti fil-livell nazzjonali. Fl-istess ħin, il-qalba tal-proċess tal-QEK, jiġifieri r-referenzjar tal-QNK u l-livelli tagħhom għall-QEK, tibqa' f'postha.

Ir-Rakkomandazzjoni riveduta hija pass importanti lejn il-maturità tal-QEK. Filwaqt li l-istadji bikrija tal-QEK kienu prinċipalment iffukati fuq ir-referenzjar tal-QNK għall-qafas komuni ta' referenza, il-proċess issa huwa kkaratterizzat mill-inklużjoni tal-kwalifiki fl-oqfsa. Il-kwalifiki ta' qafas kollha li għandhom referenza għall-QEK għandhom jirrispettaw il-prinċipji komuni ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-Anness IV għar-Rakkomandazzjoni.

Fil-kuntest tal-QEK, it-twaqqif tal-proċeduri biex jingħataw livelli lill-kwalifiki internazzjonali inklużi f'oqfsa nazzjonali se jkun qafas ġdid ta' ħidma li fih l-iskambju ta' informazzjoni u l-konsultazzjoni bejn l-Istati Membri se jkunu kruċjali għall-konsistenza.

Ir-Rakkomandazzjoni riveduta tiftaħ ukoll kooperazzjoni possibbli ma' pajjiżi terzi sabiex ikun jista' jsir tqabbil tal-oqfsa tal-kwalifiki (nazzjonali jew reġjonali) tagħhom mal-QEK. Din il-kooperazzjoni tista' ssaħħaħ il-komparabbiltà tal-kwalifiki tal-pajjiżi Ewropew u l-pajjiżi terzi, u tiffaċilita l-mobbiltà kemm taċ-ċittadini tal-UE kif ukoll dawk mhux tal-UE.

Fil-futur qarib, se ssir aktar ħidma dwar id-deskrizzjoni, l-użu u l-applikazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim biex tiżdied it-trasparenza kif ukoll il-fehim u l-komparabbiltà tal-kwalifiki.

Il-komunikazzjoni se tittejjeb sabiex jintlaħqu aħjar l-impjegaturi, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-istudenti, il-ħaddiema u partijiet ikkonċernati oħra u jiġu informati dwar il-benefiċċji tal-QEK u l-QNK. Sabiex jintwera l-valur miżjud tal-QEK u jiġi stimulat l-użu tiegħu, ir-Rakkomandazzjoni riveduta tkompli tenfasizza l-importanza li jintwerew il-livelli xierqa tal-QEK fuq il-kwalifiki.

Fl-aħħar nett, il-QEK huwa mgħammar ukoll biex jittratta l-iżviluppi futuri fit-tagħlim u x-xogħol. Sabiex isir adattament għad-dinja diġitali tal-lum, il-livelli tal-QEK jistgħu jintwerew ukoll f'databases tal-kwalifiki. Barra minn hekk, fir-Rakkomandazzjoni riveduta huwa inkluż sett komuni ta' oqfsa ta' data għall-pubblikazzjoni elettronika ta' informazzjoni dwar il-kwalifiki b'livell tal-QEK. Dan se jgħin lil dawk kollha involuti biex iżommu l-pass ma' modi ġodda ta' kondivizzjoni u rbit ta' informazzjoni għall-benefiċċju tal-istudenti, il-ħaddiema, dawk li jkunu qed ifittxu impjeg u l-impjegaturi. Il-ħidma fuq il-portali Ewropew sabiex jiġi żgurat li tkun aċċessibbi u ppubblikata informazzjoni dwar il-kwalifiki, se tibqa' għaddejja wkoll, billi tadatta għall-ħtiġijiet tar-realtà ta' għada.

Akronimi

Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali	Cedefop
Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali	ECVET
Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti	ECTS
Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja	QEK
Assigurazzjoni Ewropea tal-Kwalità fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali	EQAVET
Hiġiet, Kompetenzi, Kwalifiki u Okkupazzjonijiet Ewropej	ESCO
Standards u Linji Gwida Ewropej għall-assigurazzjoni tal-kwalità fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja	ESG
Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ	ETF
Unjoni Ewropea	UE
Qafas(Oqfsa) Nazzjonali tal-Kwalifiki	QNK
Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali	ETV

Kif tagħmel kuntatt mal-UE personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea hemm mijiet ta' Ċentri ta' Informazzjoni Europe Direct.
Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru tiegħek fuq: <http://europa.eu/contact>

Bit-telefon jew permezz ta' email

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.
Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- permezz ta' numru tat-telefon bla flas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jistgħu jitolbuk tħallas għal dawn it-telefonati),
- fuq in-numru standard li ġej: +32 22999696 jew
- permezz ta' email fuq: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Kif issib informazzjoni dwar l-UE Online

Informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq:
https://europa.eu/european-union/index_mt

Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżel jew tordna publikazzjonijiet tal-UE mingħajr flas u anke bi flas fuq: <https://publications.europa.eu/mt/publications>. Tista' tikseb diversi kopji ta' publikazzjonijiet mingħajr flas billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru lokali ta' informazzjoni tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

Dritt tal-Unjoni u dokumenti relatati

Sabiex ikollok aċċess għal informazzjoni legali mill-UE, inkluż id-dritt kollu tal-Unjoni mill-1952 fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, mur fuq EUR-Lex fuq: <http://eur-lex.europa.eu>

Data miftuħa mill-UE

Il-Portal tad-Dataa Miftuħa tal-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet ta' data mill-UE. Id-data tista' titniżel u terġa' tintuża mingħajr flas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll għal skopijiet mhux kummerċjali.

Il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (QEK) għandu l-għan li jtejjeb it-trasparenza, il-komparabbiltà u l-portabbiltà tal-kwalifiki tan-nies. Dan il-fuljett ġie ppubblikat biex ifakkar l-għaxar anniversarju tal-QEK u jipprovi deskrizzjoni ġenerali tal-qafas, kif jista' jintuża u min jibbenefika minnu. Huwa jenfasizza wkoll il-kisbiet tal-QEK matul dawn l-aħħar 10 snin u jagħti ħarsa lejn il-ġejjieni.

Tista' tridżel il-pubblikazzjonijiet tagħna jew tabbona għalihom b'xejn fuq
<https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=93&langId=mt>

Jekk tixtieq tirċievi aġġornamenti regolari dwar id-Direttorat-Ġenerali tal-Impjegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni biex tissieħeb sabieq tirċievi l-bullettin elettroniku mingħajr fiġas fuq
<https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=371&langId=mt>



@socialeurope



@EU_Social

